A.L. 23 ta' 2001

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD
(KAP. 406)

Regolamenti ta' l-2001 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 75 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, ħawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti ta' l-2001 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att dwar, Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Raba' Skeda qegħda ħawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti tissejjaħ "l-Iskeda".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 2001 u ma għandhomx jibqgħu japplikaw wara l-31 ta' Diċembru, 2002.

Jemenda l-partita 10 tat-Taqsima Tnejn ta' l-Iskeda.

2. Minnufih wara l-paragrafu (6) tal-partita 10 tat-Taqsima Tnejn ta' l-Iskeda, għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(7) Il-paragrafi (2) u (4) ta' din il-partita ma għandhomx japplikaw għal *input tax* imħallsa fuq kuntratti ta' bini ta' proprjetà li kienu fis-seħħ qabel l-1 ta' Jannar, 2001, u li dwarhom ikun inħareġ Permess mill-Awtorità ta' l-Ippjanar fil-31 ta' Diċembru, 2000, jew qabel dik id-data, u għandhom jingħiebu dawk id-dokumenti u dokumentazzjoni hekk kif il-Kummissarju jista' jenħtieġ.".

Jemenda l-partita 11 tat-Taqsima Tnejn ta' l-Iskeda.

3. Minnufih wara l-paragrafu (3) tal-partita 11 tat-Taqsima Tnejn ta' l-Iskeda, għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(4) Il-paragrafi (1) u (2) ta' din il-partita ma għandhomx japplikaw għal *input tax* imħallsa fuq kuntratti ta' bini ta' proprjetà li kienu fis-seħħ qabel l-1 ta' Jannar 2001, u li dwarhom ikun inħareġ Permess mill-Awtorità ta' l-Ippjanar fil-31 ta' Diċembru, 2000 jew qabel dik id-data, u għandhom jingħiebu dawk id-dokumenti u dokumentazzjoni hekk kif il-Kummissarju jista' jenħtieġ.".